KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 45

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

Il-Ġimgħa 30 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:09 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Anton Debono – Viċi Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sa Mariah Meli – Sindku Ħal Għargħur

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Galea, informat lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġija mingħand is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, minħabba li kellu Jum il-Lokal, mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, minħabba li ma setax jattendi peress li hu kien informa bid-dati fejn hu kien seta jattendi, mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sabiex jinforma li hekk kif kien kiteb fil-whatsapp Group kif ukoll wara li kienet spiċċat il-laqgħa preċedenti, li hu ma kienx ser ikun jistà f'din id-data. Hu żied jgħid kif waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun hu flimkien mas-Sindki li kienu baqgħa preżenti fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil fuq ġurnata u ħin. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li s-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, qal li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba li kellu impenji oħra u kien infurmat b'din id-data fi żmien qasir. Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Mariah Meli, infurmat kif sfortunatament hi ma setatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba li kellha impenn ieħor fl-istess ħin fil-lokalità.

45.2 Il-President xtaqt iressaq punt dwar dak li kien ġie miftihem wara li kienet spiċċat l-aħħar laqgħa tar-Reġjun qabel ma tiġi moqrija l-ittra li kienet ġiet ippreżentata lis-Segretarju Eżekuttiv ftit minuti qabel ma bdiet din il-laqgħa. Hu spjega kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun li saret, kienet ġiet posposta wara li l-membri tal-Partit Nazzjonalista abbandunaw din il-laqgħa. Hu spjega kif hu flimkien mal-kumplament tal-membri preżenti baqgħu fil-laqgħa skond il-ħin stipulat fil-liġi peress li ma kienx hemm kworum. Hu spjega kif bdew isibu dati tentattivi sabiex din il-mozzjoni tkun tistà tiġi ppreżentata u diskussa b'mod immedjat u r-Reġjun ikun jistà jkompli x-xogħol li għandu. Hu spjega kif kienu ġew diskussa xi dati però l-ebda laqgħa li ma kinitx kostitwita bħala laqgħa ma setat tiġi appuntata data. Għal din ir-raġuni, hu qal kif min għamel referenza għal din, kien żbaljat. Għalkemm kien hemm diskussjoni li l-laqgħa tinżamm nhar it-Tlieta 26 ta' Ġunju, hu stess ma kienx jistà jkun preżenti minħabba impenn tal-familja. Is-Sur Chircop reġgħa għamilha ċara li ma setatx tiġi appuntata data meta l-laqgħa kienet sospiża. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex din l-ittra tiġi moqrija.

45.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din l-ittra li qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti bħala 'Dokument A'.

45.4 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli talab sospenzjoni tal-laqgħa sabiex il-membri preżenti joħorġu mill-kamra tal-laqgħa sabex jitkellmu bejniethom u jkollhom qbil qabel ma din il-laqgħa tipproċedi.

45.5 Il-President qal li jekk hemm qbil bejn kulħadd preżenti ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

45.6 Il-membri preżenti ħarġu mill-kamra u reġgħu daħlu lura wara ħames minuti.

45.7 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, xtaqt iressaq punt fuq l-ittra li kienet ġiet ippreżentata u moqrija. Hu qal li qatt ma kienet l-intenzjoni tagħhom li jilaqgħu wara dahar xi ħadd, anzi hu spjega kif huma ħassu li din kienet materja importanti li għandha tiġi diskussa waqt laqgħa tar-Reġjun. Hu qal kif materja bħal din sabiex niddiskutu l-qtil ta' demokrazzjoni fir-Reġjun u b'hekk huma ħassu li din għandha tieħu prijorità fuq kull ħaġa oħra illi hemm individwalment fil-lokalitajiet. Hu żied jgħid kif sfortunatament is-Sindki li appoġjaw u iffirmaw din l-ittra li kienet ppreżentata f'din il-laqgħa ma ħassewx il-bżonn li jiġu għal din il-laqgħa u huma jħossu li din il-materja għanda tiġi diskussa fil-preżenza tagħhom. Għal din ir-

raġuni hu qal kif f'isem il-preżenti kien qed jitlob sabiex din il-laqgħa tiġi sospiża u ssir fil-preżenza tagħhom.

45.8 Is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, staqsa x'data xser tiġi deċiża peress li huma jistgħu jgħidu li d-data ġiet magħżula wara daharhom.

45.9 Dott. Dorian Sciberass issuġġerixxa li tiġi proposta data minn naħa tar-rappreżentati l-oħra u mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mill-llum.

45.10 Il-President fakkar li l-laqgħat tar-Reġjun jinvolvu l-approvazzjoni tal-pagamenti.

45.11 Is-Sur Guido Dalli qal li ma jistgħux iċedu dwar dan u bħala rappreżentanti kienu qedin jieħdu pożizzjoni serja u għalhekk il-pagamenti m'għandhomx jiġu diskussa u approvati.

45.12 Is-Sur Noel Muscat qal kif dak li kien hemm miktub fl-ittra kien banali mill-bidu sa' l-aħħar. Hu qal kif *when there is a will, there is a way,* u ma setax ikun li illum ma kienx hawn wieħed mir-rappreżentanti l-oħra. Hu qal kif is-Sindku tal-Gżira kien l-unika wieħed li kellu raġuni valida għalfejn ma setax jattendi. Hu żied jgħid kif jekk ir-rappreżentanti l-oħra jridu li r-Reġjun jiffunzjona, kienu jattendu għal din il-laqgħa. Hu qal ukoll kif li huma m'għandhomx jindaħlu x'jiġri f'Kunsilli oħra, din kienet farsa, għaliex il-Kunsilli huma flimkien peress li dak li ġara f'Kunsill ieħor jistà jiġri fil-Kunsill Lokali tiegħu ukoll. Hu qal kif b'dan l-aġir id-demokrazzija ġiet stuprata. Ġiet stuprata u wara qed jingħad li kien hemm dritt li tiġi stuprata. Hu qal kif kien qed jgħamel referenza għall-artiklu ta' l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Hu tenna li dan huwa insult lejn ir-Reġjun u lejn is-Sindki preżenti – insult tad-demokrazzija li f'din il-laqgħa ma kienux preżenti biex jaffaċjaw din il-mozzjoni li kienet ġiet imressqa. Hu qal li dak li kiteb is-Sur Max Zammit kien diżappuntanti ħafna.

45.13 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li s-Sur Zammit kien ippreżentalha din l-ittra pero għamilha ċara li hu kien qed iressaqha f'isem is-Sindki li kienu ffirmaw din l-ittra.

45.14 Dott Dorian Sciberras qal kif ir-realta kienet li s-Sindku tal-Għargħur ma kelliex il-wiċċ tkun preżenti u taffaċċja u tirrispondi għad-dubji serji ta' kif telgħet Sindku fil-Għargħur u sħabha, is-Sindki Laburisti, ma riedux jiddefendu l-pożizzjoni tagħha u ġabu skuża bid-data. Hu qal kif huma jridu li l-mozzjoni tiġi diskussa wiċċ'imbwiċċ fuq bażi Reġjonali.

45.15 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, għamel referenza għall-ittra li kienet imressqa u qal li minn naħa tagħhom, huma ma kienux jafu li r-rappreżentanti ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

45.16 Il-President informa li kien hemm fuq il-whatsapp chat fejn kien hemm miktub min kien ġej u min ma setax pero hu esprima li hu xtaq li din l-*issue* kellha tiġi diskussa.

45.17 Dott Sciberras sostna li l-laqgħa għandha tissejjaħ fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-llum.

45.18 Il-President spjega kif il-laqgħa tal-llum kienet laqgħa ġdida b'aġenda ġdida u li fiha kien hemm inkluż din il-mozzjoni.

45.19 Is-Sur Selvaggi qal li hu jemmen li kien u ser jibqgħu jaħdmu b'sintomija pero din ma kinitx tfisser li d-demokrazzija għandha tiġi kkarpestata u huwa dritt tagħhom li d-demokrazzjoni tiġi difenduta. Hu qal li jekk huma mhux lesti li jiddefenduha, din tkun affari tagħhom, imma huma ser jibqgħu jiddefenduha.

45.20 Is-Sur Muscat qal kif ma jistax jifhem kif wieħed ikollu l-wiċċ li jibqa jirrappreżenta l-bandiera tal-lokalità meta n-nies ma jriduhiex. Dan ifisser li qed nigvernaw bis-siġġijiet u mhux bil-voti.

45.21 Il-President qal kif, kuntrarju għal dak li kien hemm miktub fl-ittra li kien hemm imressqa, bħala membri għandu jkun hemm interess mill-ġid tal-Kunsill irrispettivitament mill-partit.

45.22 Dott Sciberras talab sabiex ikun hemm sospenzjoni tal-laqgħa u sabiex tissejjaħ fi żmien ġimgħatejn.

45.23 Il-President qal li la darba ma kienux disponibbli l-kumplament tal-membri għal din il-laqgħa, il-membri preżenti lesti li tiġi ikkunsidrata data għal laqgħa oħra. Madanakollu hu talab jekk l-kumplament ta' l-aġenda mressqa għal din il-laqgħa hux ser tiġi abbandunata.

45.24 *17:28pm – il-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, wasal għal din il-laqgħa.*

45.25 Il-membri preżenti qablu li l-laqgħa għandha tieqaf hawn u tiġi sospiża.

45.26 Is-Sur Guido Dalli staqsa jekk l-ittra kienx ġiet miktuba bħala Viċi President tar-Reġjun.

45.27 Dott Sciberras qal li l-ittra ma kienitx miktuba f'isem il-Viċi President pero għandu l-kappell bħala Viċi President.

45.28 Il-President qal li minn kif l-ittra kienet ippreżentata, kienet għan-nom ta' kulħadd.

45.29 Dott. Sciberras qal kif peress li r-rappreżentanti li kienu preżenti għal din il-laqgħa ma kellhom l-ebda intenzjoni li jieħdu xi deċiżjoni minn wara dahar xi ħadd, anzi kienu preżenti li din il-materja tiġi diskussa wiċċ imb'wiċċ primarjalment mas-Sindku tal-Għargħur u anke mar-rappreżentanza tal-Partit Laburita, qedin nitolbu lis-sedja sabiex il-laqgħa tiġi sospiża għal data oħra li l-partit li ma kienx preżenti tipproponi li jkun jistà l-maġġoranza sa massimu ta' ħmistax-il ġurnata oħra. Hu qal ukoll kif jekk sa massimu ta' ħmistax-il ġurnata oħra ma tiġix proposta laqgħa oħra, hu qal li ser ikunu qed jassumu li din hija skuża biex ma jiddefendux l-aġir tas-Sindku tal-Għargħur.

45.30 Is-Sur Muscat staqsa mill-membri preżenti sabiex jidentifika l-ġranet li ma jistgħux ikunu preżenti.

45.31 Kien hemm suġġeriment sabiex il-membri jaraw jekk kulħadd ikunx jistà jkun preżenti f'waħda minn dawn il-ġranet - it-Tnejn 9 ta' Ġunju, jew it-Tlieta 10 ta' Ġunju jew il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2025, jew il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju 2025. Kien hemm qbil ukoll sabiex il-ġurnata tiġi magħżula skond meta l-maġġoranza jkunu jistgħu jkunu preżenti sabiex ikun hemm rappreżentanza wiesgħa. Risposta dwar din l-għażla għandha tasal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju 2025.

45.32 Il-President issospenda l-laqgħa u l-laqgħa ġiet fit-tmiemha fis-17:39 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 12 ta' Ġunju, 2025.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv